MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 26/2009

**Hayden Vella (I.D. Numru 435478M)**

**vs**

**Adriana u Mark Anthony Vella**
**(I.D. Numru 280180M u 65176M) u b'digriet tat-Tribunal**
**tas-16 ta' Marzu, 2009 il-kunjom 'Vella' ghandu jigi sostitwit bil-kunjom 'Camilleri'**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz ta' l-attur li ppremetta illi l-konvenuti gew ghand l-attur ghaliex, waqt li l-konvenuta kienet qedgha ssuq il-karozza taghha, inqasam il-*hose pipe* ta' l-ilma. Hija baqghet issuq u ghamlet hsara kbir fil-magna, li l-attur avza li kien hemm hsara kbira u kien jinhtieg li jinbiddlu *parts* li jiswew il-flus sewwa. Il-konvenuti tawh istruzzjoni biex jixtrihom. Huwa xtrahom u hallas depozitu fuqhom ta' tlett mija u hamsin Euro (€350). Pero' meta talabhom il-

flus sabiex jirrifondulu d-depozitu u jhallsu l-bilanc, irrifjutaw.

L-agent li hallsu d-depositu rrifjuta li jaghti lill-attur id-depozitu lura billi l-magna lahaq gabha.

Il-konvenuti gew mitluba jhallsu diversi drabi is-somma ta' tlett mija u hamsin Euro (€350) li hareg l-attur, ukoll b'ittra, baqghu inadempjenti.

Bl-imghax u l-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra legali.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi preliminarjament jigi rilevat illi t-talba attrici, kif dedotta, diga' giet deciza mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur fil-kawza fl-ismijiet 'Adriana Camilleri vs Hayden Garage' (CCT 3/08), deciza fis-16 ta' Lulju, 2008.

<u>Ikkunsidra</u>

Il-konvenuti ressqu eccezzjoni preliminari li l-mertu tal-vertenza odjerna kienet diga' giet deciza mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur u ghalhekk l-istess konvenuti eccepew illi l-kawza hija *res judicata*.

L-attur irrileva illi minkejja li kienet giet intavolata kawza quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur, kienet giet intavolata kontra konvenut differenti. Fil-kaz quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur il-konvenut kien 'Hayden Garage', filwaqt li fil-kawza quddiem dan it-Tribunal, l-istess kawza, giet istitwita kontra 'Hayden Camilleri' mill-istess konvenuti.

Illi, it-Tribunal ezamina bir-reqqa s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur, datata 16 ta' Lulju, 2008 fejn irrizulta li huwa minnu li l-kawza nftehet kontra Hayden Garage, pero' fl-istess sentenza huwa car u evidenti li l-konvenut kien qieghed jigi rapprezentat minn Hayden Vella.

Oltre, minn hekk, jirrizulta car, li l-atturi f'dan il-kaz kienu ressqu kontro-talba fil-kaz quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur u dan ghal hlas ta' tlett mija u hamsin

Euro (€350) bhala ammont li hallas ghal *parts* li kien xtara. L-istess kontro-talba giet michuda mit-Tribunal.

Anke jekk l-attur qed jippretendi li minhabba li l-kontro-talba giet michuda, kellu ghalhekk kull dritt jerga' jiftah kawza ohra minhabba li quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur ma kellux personalita' guridika ghaliex il-konvenut gie ndikat bhala garaxx.

Pero', it-Tribunal jissottolinea illi tul il-proceduri huwa car li l-kawza saret effettivament kontra Hayden Vella, li dak iz-zmien kien jiggestixxi n-negozju minn Hayden Garage, tant hu hekk illi anke l-istess mod kif inhuma fformulati t-talbiet tal-kontro-talba huwa ovvju li Hayden Vella kien hallas ghal dawn il-*parts* fuq talba tal-konvenuti fil-kaz in ezami.
Ghalhekk, it-Tribunal josserva li l-mertu ta' dina l-kawza diga' gie ssorvolat u ghaddiet *in res judicata,* u ghalhekk jekk kellha tghaddi biex tisma' l-provi u taghti sentenza tkun qed tasal biex taghti decizjoni li Tribunal iehor diga' kellu l-opportunita' jesprimi ruhu. Is-semplici talba ta' l-attur li ma kienx il-legittimu kontradittur fil-kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur kif ssemma' fis-sottomissjonijiet tieghu, mhix gustifikabbli u jekk kellu jipprocedi bis-smiegh ta' dina l-kawza, l-istess Tribunal ikun qed johloq precedent qawwi u wiehed mhux gustifikabbli tenut kont tal-fatt, li l-mertu diga' kien gie trattat u sahansitra michud minn Tribunal iehor.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

L-ispejjes jibqghu a karigu tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------